PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Legali

PROVIŻORJU
2004/0055(COD)

3.5.2005

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinħoloq proċedura Ewropea għal ordni ta' ħlas
(COM(2004)0173 – C6-0006/2004 – 2004/0055(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Arlene McCarthy

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi rrifjutata jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, minbarra fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi rrifjutata jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(Dan it-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

EXPLANATORY STATEMENT.....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinħoloq proċedura Ewropea għal ordni ta' ħlas
(COM(2004)0173 – C6-0006/2004 – 2004/0055(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2004)0173)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 251(2) u 61(1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0006/2004),

– wara li kkunsidra r-Regola 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2005),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk għandha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ieħor;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament
	Emenda 1 Artikolu -1 (ġdid)
	Artikolu -1
	1. L-għan ta' dan ir-Regolament hu li tinħoloq, għal dak li għandu x'jaqsam ma' każijiet ta' bejn il-fruntieri, proċedura Ewropea għal ordni ta' ħlas sabiex tiġi permessa ċ-ċirkulazzjoni ħielsa tul l-Istati Membri ta' ordni maħruġa bi qbil ma' dan ir-Regolament, mingħajr il-ħtieġa li jinġiebu xi proċeduri intermedjarji fl-Istat Membru ta' l-infurzar qabel ir-rikonoxximent u l-infurzar.

[1] Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

	2. Il-proċedura Ewropea għal ordni ta' ħlas għandha tkun bla ħsara għall-proċeduri nazzjonali.
	3. Minkejja l-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri li m'għandhomx proċeduri nazzjonali korrispondenti jistgħu jadottaw il-proċedura Ewropea għal ordni ta' ħlas biex tintuża f'każi li huma purament nazzjonali apparti l-każi ta' bejn il-fruntieri.
	4. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal miżura li tiffaċilita l-użu tal-proċedura Ewropea għal ordni ta' ħlas fl-Istati Membri kollha għall-każi interni wkoll u li tipproponi t-tip ta' emendi għal dan ir-Regolament li huma meħtieġa għal dak l-għan li, b'mod partikulari, jikkunsidraw l-esperjenza miksuba mill-użu tal-proċedura għall-każi ta' bejn il-fruntieri.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tistipula kompromess eventwali bħala mezz biex jiġi megħlub l-impass attwali fil-Kunsill.

Emenda 2
Artikolu 3, paragrafu 2, punt (a)

(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-partijiet u tal-qorti fejn saret l-applikazzjoni,	(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-partijiet***, u fejn japplika, tar-rappreżentanti tagħhom*** u tal-qorti fejn saret l-applikazzjoni,

Ġustifikazzjoni

Intenzjonata biex tikkunsidra l-preokkupazzjonijiet imqajmin minn diversi Stati Membri.

Emenda 3
Artikolu 3, paragrafu 2, punt (d)

(d) il-kawża ta' l-azzjoni, inkluża deskrizzjoni qasira ***tać-ċirkustanzi invokati bħala l-***bażi tar-rikors u, fejn japplika, ta' l-interess mitlub;	(d) il-kawża ta' l-azzjoni, inkluża deskrizzjoni qasira ***ta' l-argumenti li jiffurmaw il-***bażi tar-rikors u, fejn japplika, ta' l-interess mitlub;

Ġustifikazzjoni

Intenzjonata biex tikkunsidra l-preokkupazzjonijiet imqajmin minn diversi Stati Membri.

Emenda 4
Artikolu 3, paragrafu 2, punt (e)

(e) id-deskrizzjoni qasira ta' mill-inqas element wieħed ta' evidenza li jista' jinġieb fi proċedimenti ċivili ordinarji biex isostni r-rikors;	***imħassar***

Ġustifikazzjoni

Intenzjonata biex tikkunsidra l-preokkupazzjonijiet imqajmin minn diversi Stati Membri.

Emenda 5
Artikolu 3, paragrafu 2, punt (e a) (ġdid)

	(ea) deskrizzjoni qasira tar-raġunijiet għal ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qorti jekk l-imputat m'huwiex residenti fl-Istat Membru fejn tinsab il-qorti fejn saret l-applikazzjoni, u

Ġustifikazzjoni

Intenzjonata biex tikkunsidra l-preokkupazzjonijiet imqajmin minn diversi Stati Membri.

Emenda 6
Artikolu 3, paragrafu 2, punt (e b) (ġdid)

	(eb) deskrizzjoni qasira tan-natura ta'

bejn il-fruntieri tal-każ, fejn tapplika.

Ġustifikazzjoni

Intenzjonata biex tikkunsidra l-preokkupazzjonijiet imqajmin minn diversi Stati Membri.

Emenda 7
Artikolu 3, Paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Jekk il-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru ta' oriġini teħtieġ dan, l-applikant irid jehmeż id-dokumenti ġustifikattivi relevanti jew kopji tagħhom flimkien ma' l-applikazzjoni għal ordni ta' ħlas Ewropea.

Jekk il-qorti teħtieġu, id-dokumenti għandhom jiġu tradotti. It-traduzzjoni għandha tiġi ċċertifikata minn persuna kkwalifikata li tagħmel dan f'wieħed mill-Istati Membri.

Ġustifikazzjoni

Intenzjonata biex tikkunsidra l-preokkupazzjonijiet imqajmin minn diversi Stati Membri.

Emenda 8
Artikolu 3, paragrafu 3

3. L-applikazzjoni ***għandha*** tkun iffirmata mir-rikorrent jew mir-rappreżentant tiegħu ***manwalment jew fil-forma ta' firma elettronika avvanzata skond it-tifsira ta'*** l-Artikolu 2 (2) tad-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar qafas Komunitarju għall-firem elettroniċi.

3. L-applikazzjoni ***trid*** tkun iffirmata mir-rikorrent jew mir-rappreżentant tiegħu ***u ppreżentata permezz ta' kwalunkwe mezz tekniku aċċettat mill-liġi ta' l-Istat Membru ta' oriġini u disponibbli għall-qorti ta' oriġini. Meta l-applikazzjoni tiġi ppreżentata f'format elettroniku, għandha tkun iffirmata bi qbil ma'*** l-Artikolu 2 (2) tad-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar qafas Komunitarju għall-firem elettroniċi. ***Il-firma għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istat Membru ta' oriġini u***

	ma' tistax tiġi suġġetta għal rekwiżiti oħra.

Ġustifikazzjoni

Intenzjonata biex tikkunsidra l-preokkupazzjonijiet imqajmin minn diversi Stati Membri.

Emenda 9
Artikolu 4, paragrafu 1

1. Il-qorti fejn ġiet ippreżentata applikazzjoni għandha teżamina ***jekk*** humiex qed jintlaħqu r-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 1, 2 u 3.	1. Il-qorti fejn ġiet ippreżentata applikazzjoni għandha teżamina:
	(a) jekk għandhiex ġurisdizzjoni;
	(b) jekk humiex qed jintlaħqu r-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 1, 2 u 3***, u***
	(c) meta l-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru ta' oriġini teħtieġu, jekk, 'prima facie', id-dokumenti ta' prova miġjuba mir-rikorrent, flimkien ma' l-applikazzjoni, isostnux ir-rikors bi qbil ma' l-Artikolu 3(2a).

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija intenzjonata biex tittratta l-preokkupazzjonijiet ta' diversi Stati Membri.

Emenda 10
Artikolu 4, paragrafu 2

2. ***Meta l-***qorti ***tikkunsidra r-rifjut ta' l-applikazzjoni minħabba li r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 3 ma jkunux intlaħqu*** tista' tagħti l-opportunità lir-rikorrent biex jikkompleta jew jirranġa l-applikazzjoni.	2. ***Il-***qorti tista' tagħti l-opportunità lir-rikorrent biex jikkompleta jew jirranġa l-applikazzjoni ***fir-rigward ta' l-informazzjoni mniżżla fl-Artikolu 3 billi juża l-formola standard li tinsab fl-Anness.***

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija intenzjonata biex tittratta l-preokkupazzjonijiet ta' diversi Stati Membri.

Emenda 11
Artikolu 5, paragrafu 1

1. Il-qorti għandha tirrifjuta l-applikazzjoni kompleta jekk ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 4 ma jintlaħqux għar-rikors li qed jitqies jew għal partijiet minnu.	1. Il-qorti għandha tirrifjuta l-applikazzjoni kompleta ***jew parti minnha*** jekk ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 4 ***(1)***ma jintlaħqux għar-rikors li qed jitqies jew għal partijiet minnu. ***Il-qorti għandha tavża lir-rikorrent bir-rifjut.***

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija intenzjonata biex tittratta l-preokkupazzjonijiet ta' diversi Stati Membri.

Emenda 12
Artikolu 5, paragrafu 3

3. ***Ir-***rifjut m'għandux iwaqqaf lir-rikorrent milli jiftaħ proċediment ġudizzjarju ordinarju ***fir-rigward ta' l-istess rikors.***	3. ***Fil-każ ta'*** rifjut ***ir-rikorrent ma jistax jippreżenta applikazzjoni ġdida għal ordni ta' ħlas Ewropea fir-rigward ta' l-istess rikors. Madankollu, dan*** m'għandux iwaqqaf lir-rikorrent milli jiftaħ proċediment ġudizzjarju ordinarju.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija intenzjonata biex tittratta l-preokkupazzjonijiet ta' diversi Stati Membri.

EXPLANATORY STATEMENT

Judicial cooperation in civil matters is essential to the Treaty objective of establishing an area of freedom, security and justice. Legislative instruments have been brought forward with a view to approximating substantive and procedural law and facilitating access to justice and to speed up cross-border litigation. The European Enforcement Order (EEO) for uncontested claims will be transferred into national law by the end of 2005, abolishing the principle of exequator and enabling a judicial authority in one Member State to enforce an order from another Member State without a formal review. While the EEO creates an EU-level instrument enforcing a judgment handed down according to national procedural law, the EPO procedure introduces an EU level instrument in order to obtain an enforceable decision.

The high and expanding volume of trade within the EU and increased movements of people, raise the likelihood that citizens or businesses might become involved in cross-border litigation. There is a risk that citizens may not be inclined to assert their rights because of the obstacles they could encounter in dealing with the legal systems in another Member State, in particular due to unfamiliar procedures and unknown costs. This is considered an obstacle to the proper functioning of the internal market and a potential disincentive to the development of cross-border business and trade. It is essential that the EU provides for a judicial area where private individuals and businesses can have access to justice and redress the case of an uncontested claim for a payment order.

The Commission View

The European Commission argues that the procedure for the EPO should apply to both cross-border and national cases, and that Article 65 which refers to civil matters having "cross-border implications" should be interpreted in a flexible manner. The Commission argues that:

- The distinction between "cross-border" and "internal" scenarios is more difficult that it appears and could lead to arbitrary and discriminatory conclusions depending on the state of residence of the claimant.
- The potential for every national judgment to take on a cross-border nature if it needed to be enforced in another Member State calls into question the merits of a distinction between internal and cross-border cases.
- A limitation to cross-border cases would distort competition in the internal market.
- Creditors or debtors may have access to or be subject to a more efficient mechanism in a cross-border situation than in their own domestic system. This would be inconsistent with the principle of ensuring a fair regime across the EU.

Conclusion

Given the difficulties experienced in Council owing to the reluctance of many Member States to accept the use of the European order for payment in cases which are not cross-border in nature, your rapporteur has sought to reach a compromise which allows those States' concerns to be taken into account without ruling out a different solution in the future when experience will have been gained with the new European instrument.